**22 ta' Mejju, 1950**

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.***
**L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.**
**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Nobbli Maġġur Henri Sant Cassia et. *versus* Giuseppe Borg et.**

## Lokazzjoni — Board tal-Kera — Iżgumbrament — Kompetenza.

***Il-Board tal-Kera mhux kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' talba tas-sid għall-iżgumbrament ta' l-inkwilin fuq il-kawżali li l-fond ma fihx il-komoditajiet li trid il-liġi sanitarja u illi l-Awtorità Sanitarja ma tkunx tat lis-sid il-permess meħtieġ biex huwa jagħmel fil-fond dawk il-komoditajiet biex il-fond isir abitabili. Il-konjizzjoni ta' talba simili hija ta' kompetenza tat-tribunali ordinarji.***

***Imma min-naħa l-oħra, fond li m'għandux dawk il-komoditajiet ma jistax jissejjaħ post ta' l-abitazzjoni, avvolja l-kerrej ikun qiegħed jużah biex isajjar fih u biex joqgħod fih bin-nhar mingħajr ma jużah għall-irqad; u għalhekk, meta s-sid irid dak il-post għall-użu tiegħu, biex jużah għal skop ieħor, bħal garage, il-Board tal-Kera huwa kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talba għall-iżgumbrament, u għandu jilqa' dik it-talba.***

Il-Qorti — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera nru. 2145 ta' l-1949, magħmul mill-aħwa Sant Cassia, li ppremettew li jippossjedu l-fond nru. 196 Pietà Wharf, Pietà, mikri lill-imsemmijin aħwa Borg; li b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tal-21 ta' Settembru 1949 ir-rikorrent Henri Sant Cassia ġie kundannat għall-ammonizzjoni u riprensjoni talli ħalla lil min juża dak il-fond għall-abitazzjoni mingħajr ma fih loki, u ġie prefiss lilu terminu ta' xahrejn biex juniforma ruħu mal-liġi, taħt penali għal kull ġurnata ta' nuqqas; u fl-istess ħin l-imsemmi Borg, b'sentenza ta' l-istess Qorti ta' l-istess ġurnata, ġie kundannat għall-ammonizzjoni u riprensjoni talli uża dak il-fond, u ġie mogħti lilu t-terminu ta' xahrejn taħt il-provvedimenti previsti fis-sentenza kontra Sant Cassia (dok. A u B); li r-rikorrent Henri Sant Cassia talab lill-Awtorità Sanitarja l-permess li jagħmel f'dak il-fond il-loki, però dik l-Awtorità nnegatlu dak il-permess (dok. C); u li l-istess rikorrent talab lill-imsemmijin aħwa Borg biex jiżgumbraw dak il-fond, li ma jistax jiġi

użat aktar għall-abitazzjoni, għaliex iridu għall-użu tiegħu u tar-rikorrenti l-oħra; u talbu li l-imsemmijin Borg jiġu żgumbrati mill-istess fond biex ikunu jistgħu jokkupawh huma għal użu divers mill-abitazzjoni, u jkunu b'hekk qegħdin jeżegwixxu l-ordni mogħti mill-Qorti Kriminali fuq imsemmija;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Board tat-30 ta' Jannar 1950, fejn il-Board iddeċieda billi ddikjara ruħu nkompetenti li jieħu konjizzjoni tat-talba fuq il-kawżali li hija bażata fuqha, u għalhekk illibera lill-intimati "ab observantia", u fi kwalunkwe każ anki fil-meritu, u, kunsidrata kwalunkwe kawżali oħra, jekk hu l-każ, ċaħad it-talba, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti; wara li kkunsidra;

Li huwa veru li hemm id-dikjarazzjoni li r-rikorrenti jridu l-fond għall-użu tagħhom stess, imma b'daqshekk ma tirradikax ruħha l-kompetenza ta' dak il-Board, għax il-kawżali li fuqha hija bażata t-talba hija s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja, bażata hija stess fuq il-fatt li l-fond mhux addattat għall-abitazzjoni;

Li, indipendentement mill-premess, huwa fatt li l-fond illum qiegħed iservi għall-abitazzjoni ta' l-intimati, u allura, la darba r-rikorrenti jridu jirriprendu l-pussess tiegħu biex jagħmlu minnu użu differenti, il-Board ma setax jilqa' t-talba, għax ma hemmx "available alternative accommodation" għall-intimati; u allura, dejjem fil-limiti tal-kompetenza ta' dak il-Board, il-"hardship" ta' l-intimati kien ikun akbar kieku kellha tiġi milqugħa t-talba milli jkun għar-rikorrenti jekk tiġi miċħuda;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, fejn talbu li l-imsemmija sentenza tal-Board tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi tnejn huma l-kawżalijiet li fuqhom ir-rikorrenti qegħdin jibbażaw id-domanda tagħhom; waħda l-għaliex, peress illi l-fond in kwistjoni ma għandux il-kundizzjonijiet li trid il-liġi sanitarja, u l-Awtorità Sanitarja rrifjutat il-permess lir-rikorrenti biex jagħmlu dawk il-kundizzjonijiet, ir-rikorrenti ġew kundannati mill-Qorti kompetenti talli krew il-post għal skop ta'

abitazzjoni, taħt penali ġjornaljera, kif ukoll l-intimati rċevew kundanna mill-istess Qorti talli okkupaw il-post bħala abitazzjoni; u t-tieni kawżali l-għaliex ir-rikorrenti jridu l-post għall-użu tagħhom personali;

Ikkunsidrat;

Fuq l-ewwel kawżali, illi tajjeb irritjena l-Board li domanda għall-iżgumbrament għal raġuni simili teżorbita mill-kompetenza tiegħu; il-għaliex dik hija ta' attribuzzjoni tat-tribunali ordinarji, u ma hemm xejn fil-liġi li tirregola l-kera li jista', anki indirettament, jirradika l-kompetenza tal-Board biex jawtorizza lill-Board jieħu konjizzjoni ta' kawża bażata fuq raġuni minn dina l-fatta;

Fuq it-tieni kawżali, jiġi rilevat li ma' tul il-gwerra l-aħwa Borg, mingħajr il-kunsens tas-sid, impossessaw ruħhom mill-post in kwistjoni; il-għaliex, peress illi d-dar fejn kienu joqogħdu kienet iġġarrfet bil-għemil tal-għadu, kif xehed l-intimat Borg quddiem dina l-Qorti, riedu jdabbru rashom, u l-għaliex, skond kif jallega huwa, dik kienet il-liġi;

Għadda xi żmien mingħajr ma ħallsu kera lil ħadd; u peress illi fl-aħħar sabu lil sid il-post, missier ir-rikorrenti, il-lum mejjet, dan fl-aħħar, bħala tolleranza, ħafrilhom tmien xhur kera u ħallsu somma għall-ħlas tal-kera. Mill-ewwel missier ir-rikorrenti, u wara l-mewt tiegħu l-istess rikorrenti, insistew biex l-intimati jagħtuhom lura l-post, li allura dawn kienu jabitaw fih;

Gew istitwiti l-proċeduri kriminali, bir-riżultat imsemmi fuq; u l-lum, skond ammissjoni ta' l-istess intimati, huma ma humiex jorqdu fih; biss isajru hemm u joqogħdu ma' tul il-ġurnata. Dana ma jistax jikkostitwixxi abitazzjoni fis-sens tal-liġi, u għalhekk il-kwistjoni ta' l-offerta tas-"suitable accommodation" ma tinħoloqx. U peress illi r-rikorrenti jridu l-post għall-użu tagħhom bħala garage — għax id-destinazzjoni tal-post kienet dejjem dik ta' garage sakemm l-intimati okkupawh arbitrarjament kif intqal fuq—m'huwiex il-każ li tiġi lill-intimati offerta "alternative accommodation";

Għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn iddikjarat ruħha inkompetenti tieħu konjizzjoni tat-talba in kwantu bażata fuq is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja; u tirrevoka dik is-

sentenza in kwantu ċaħdet it-talba fuq il-kawżali l-oħra, jiġifieri li l-appellanti jridu l-post għall-użu tagħhom personali. U għalhekk tilqa' t-talba fuq l-aħħar kawżali, u tagħti lill-appellanti aħwa Borg it-terminu ta' xahar biex jiżgumbraw mill-post, *bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.*

---